MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Numru. 483/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Emmanuele Mallia**

Kumpilazzjoni Nru: 483/2011

Illum, 1 ta’ Gunju 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emmanuele Mallia ta 55 sena, iben il-mejjet Carlo u Victoria nee Cuschieri, imwieled Sliema nhar it-2 ta’ Dicembru 1955 u residenti fil-fond numru Block 6 Flat 1 Triq Pietru D’Armenia

Pembroke u detentur tal-karta ta’ l-ientita’ bin-numru 789855M.

Akkuzat talli nhar il-15 ta’ Marzu 2011 ghal habta ta’ 8.15pm, minn gewwa l-istabbiliment Tefal Ceramics Baystreet Triq Santu Wistin San Giljan, ikkommeta serq ta’ oggetti a detriment ta’ Joseph Victor Mizzi u/jew nies ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-hin.

Rat l-artikoli 261(f) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta’l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m’hi allarmanti. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat lest li jibda jindirizza l-problema li ghandu b’l-alkohol kif ukoll tal-fatt li uhud mill-oggetti misruqa gew ritornati lil sidhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(f) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sena bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment

inkluz dik li jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tax-xorb.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------